REGOLAMENTI

REGOLAMENT TAL-KUNSILL (UE) Nru 566/2012

tat-18 ta' Ġunju 2012

li jemenda r-Regolament (KE) Nru 975/98 dwar denominazzjonijiet u speċifikazzjonijiet tekniċi tal-muniti tal-euro maħsuba għaċ-ċirkolazzjoni

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EUROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari, l-Artikolu 128(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew [1],

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Bank Ċentrali Ewropew [2],

Billi:

(1) Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2009/23/KE tad-19 ta' Diċembru 2008 dwar il-linji gwida komuni għall-użu nazzjonali u l-ħruġ ta' muniti tal-euro maħsuba għaċ-ċirkolazzjoni [3], approvata bil-Konklużjonijiet tal-Kunsill tal-10 ta' Frar 2009, tiddefinixxi l-prinċipji komuni għad-disinji użati għan-naħat nazzjonali tal-muniti tal-euro fiċ-ċirkolazzjoni u tistabbilixxi proċeduri li permezz tagħhom l-Istati Membri jinformaw lil xulxin b'abbozzi ta' disinji, u għall-approvazzjoni ta' dawn id-disinji.

(2) Ladarba l-muniti tal-euro jiċċirkolaw fiż-żona tal-euro kollha, il-karatteristiċi tad-disinn nazzjonali tagħhom huma ta' interess komuni. Għal ċirkolazzjoni mingħajr xkiel u fl-interess taċ-ċertezza u t-trasparenza legali, hu meħtieġ li r-regoli definiti fir-Rakkomandazzjoni 2009/23/KE dwar denominazzjonijiet u l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi tal-muniti tal-euro fiċ-ċirkolazzjoni jsiru legalment vinkolanti billi jiġu integrati fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 975/98 [4].

(3) Il-muniti tal-euro għandhom naħa Ewropea komuni u naħa nazzjonali distintiva. In-naħat Ewropej komuni tal-muniti tal-euro juru kemm l-isem tal-munita unika kif ukoll id-denominazzjoni tal-munita. In-naħa nazzjonali la għandha tirripeti l-isem tal-munita unika u lanqas id-denominazzjoni tal-munita.

(4) Għandu jkun hemm indikazzjoni ċara tal-isem tal-Istat Membru emittenti fuq in-naħa nazzjonali tal-munita sabiex l-utenti interessati fil-muniti jkunu jistgħu jidentifikaw faċilment l-Istat Membru emittenti.

(5) L-ittri fit-truf tal-muniti tal-euro għandhom ikunu kkunsidrati bħala parti min-naħa nazzjonali u għaldaqstant ma jistgħu jirripetu l-ebda indikazzjoni tad-denominazzjoni, bl-eċċezzjoni tal-munita taż-żewġ euro, u sakemm jintużaw biss iċ-ċifra "2" jew it-terminu "euro" fl-alfabett rilevanti, jew it-tnejn li huma.

(6) Id-disinji fuq in-naħat nazzjonali tal-muniti jiġu deċiżi minn kull "Stat Membru li l-munita tiegħu hija l-euro" u għandu jitqies il-fatt li li l-muniti tal-euro jiċċirkolaw fiż-żona kollha tal-euro u mhux biss fl-Istat Membru emittenti. Sabiex ikun żgurat li l-muniti ikunu rikonoxxibbli immedjatament bħala muniti tal-euro anke min-naħa nazzjonali tagħhom, id-disinn għandu jkun kompletament imdawwar bit-12-il stilla tal-bandiera tal-Unjoni.

(7) Sabiex ikun iffaċilitat ir-rikonoxximent tal-muniti għaċ-ċirkolazzjoni u sabiex tkun żgurata kontinwità xierqa fiz-zekka, l-Istati Membri għandhom jitħallew jimmodifikaw id-disinji użati għan-naħat nazzjonali tal-muniti regolari fiċ-ċirkolazzjoni kull ħmistax-il sena biss, ħlief jekk jinbidel il-Kap tal-Istat imsemmi fuq il-munita. Madankollu, dan għandu jkun mingħajr preġudizzju għall-bidliet meħtieġa għall-prevenzjoni tal-falsifikazzjoni tal-munita. Il-bidliet fid-disinn tan-naħa komuni Ewropea tal-muniti għaċ-ċirkolazzjoni għandhom jiġu deċiżi mill-Kunsill u d-drittijiet ta' votazzjoni għandhom ikunu ristretti għall-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro.

(8) L-Istati Membri individwali għandhom jitħallew joħorġu muniti kommemorattivi sabiex jiċċelebraw avvenimenti ta' rilevanza ewlenija nazzjonali jew Ewropea, filwaqt li l-muniti kommemorattivi li jinħarġu b'mod kollettiv mill-Istati Membri kollha li l-munita tagħhom hija l-euro għandhom ikunu riżervati għal suġġetti tal-ogħla rilevanza Ewropea. Il-munita taż-żewġ euro hija l-aktar denominazzjoni adatta għal dan il-għan, prinċipalment minħabba d-dijametru kbir tal-munita u l-karatteristiċi tekniċi tagħha, li joffru protezzjoni adegwata kontra l-falsifikazzjoni.

[1] Opinjoni tal-Parlament Ewropew tat-22 ta' Mejju 2012 (għadha mhijiex ippubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali*).
[2] ĠU C 273, 16.9.2011, p. 2.
[3] ĠU L 9, 14.1.2009, p. 52.
[4] ĠU L 139, 11.5.1998, p. 6.

(9) B'kont meħud li l-muniti tal-euro jiċċirkolaw fiż-żona tal-euro kollha, u biex ikun evitat l-użu ta' disinji inadegwati, l-Istati Membri emittenti għandhom jinfurmaw lil xulxin u lill-Kummissjoni dwar abbozzi l-ġodda tan-naħa nazzjonali tal-muniti tal-euro qabel id-data ta' ħruġ ippjanata. Il-Kummissjoni għandha tivverifika l-konformità tad-disinji mar-rekwiżiti tekniċi ta' dan ir-Regolament. Il-preżentazzjoni ta' abbozzi ta' disinji lill-Kummissjoni għandha ssir ferm qabel id-data ta' ħruġ ippjanata għall-Istat Membru emittenti, sabiex id-disinn jiġi mmodifikat jekk dan ikun meħtieġ.

(10) Barra minn hekk, għandhom jiġu stabbiliti kondizzjonijiet uniformi għall-approvazzjoni tad-disinji tan-naħat nazzjonali tal-muniti tal-euro sabiex tiġi evitata l-għażla ta' disinji li jistgħu jitqiesu inadegwati f'xi Stati Membri. Fid-dawl tal-fatt li l-Istati Membri emittenti għandhom il-kompetenza fir-rigward ta' kwistjoni sensittiva bħad-disinn tan-naħat nazzjonali tal-muniti tal-euro, is-setgħat ta' implimentazzjoni għandhom għalhekk jiġu kkonferiti lill-Kunsill. Kawlunkwe deċiżjoni ta' implimentazzjoni meħuda abbażi ta' dan mill-Kunsill tkun marbuta mill-qrib mal-atti adottati mill-Kunsill abbażi tal-Artikolu 128(2) tat-Trattat: għalhekk, is-sospensjoni tad-drittijiet ta' votazzjoni tal-membri tal-Kunsill li jirrappreżentaw l-Istati Membri li munita tagħhom mhijiex l-euro għall-adozzjoni mill-Kunsill ta' dawk id-deċiżjonijiet għandha tapplika kif stipulat fl-Artikolu 139(4) tat-Trattat. Il-proċedura għandha tippermetti lill-Istati Membri emittenti li jimmodifikaw id-disinn fiż-żmien dovut jekk dan ikun meħtieġ.

(11) Ir-Regolament (KE) Nru 975/98 għandu għalhekk jiġi emendat kif meħtieġ,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Emendament tar-Regolament (KE) Nru 975/98

Fir-Regolament (KE) Nru 975/98 għandhom jiddaħħlu l-Artikoli li ġejjin:

"*Artikolu 1a*

Tipi ta' muniti tal-euro fiċ-ċirkolazzjoni: Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

1. "muniti għaċ-ċirkolazzjoni" tfisser muniti tal-euro maħsuba għaċ-ċirkolazzjoni, li d-denominazzjonijiet u l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi tagħhom huma stipulati fl-Artikolu 1;

2. "muniti regolari" tfisser muniti għaċ-ċirkolazzjoni eskluż l-muniti kommemorattivi;

3. "muniti kommemorattivi" tfisser muniti għaċ-ċirkolazzjoni, li huma maħsuba biex jikkommemoraw suġġett speċifiku kif speċifikat fl-Artikolu 1 h.

Artikolu 1b

Il-muniti għaċ-ċirkolazzjoni għandhom ikollhom naħa Ewropea komuni u naħa nazzjonali distintiva.

Artikolu 1c

1. In-naħa nazzjonali tal-muniti għaċ-ċirkolazzjoni ma għandha tirripeti l-ebda indikazzjoni tad-denominazzjoni, jew xi partijiet minnha, tal-munita. Hija m'għandhiex tirripeti l-isem tal-munita unika jew xi sottodiviżjoni tagħha, sakemm din l-indikazzjoni ma tirriżultax mill-użu ta' alfabett differenti.

2. B'deroga mill-paragrafu 1, l-ittri fit-truf tal-munita taż-żewġ euro jistgħu jinkludu indikazzjoni tad-denominazzjoni, sakemm jintużaw biss iċ-ċifra '2' jew it-terminu 'euro' fl-alfabett rilevanti, jew it-tnejn.

Artikolu 1d

In-naħa nazzjonali tad-denominazzjonijiet kollha tal-muniti għaċ-ċirkulazzjoni għandha tagħti indikazzjoni tal-Istat Membru emittenti permezz tal-isem tal-Istat Membru jew ta' abbrevjazzjoni tiegħu.

Artikolu 1e

1. In-naħa nazzjonali tal-muniti għaċ-ċirkolazzjoni għandha turi ċirku ta' 12-il stilla li għandu jiċċirkonda totalment id-disinn nazzjonali, inkluża l-marka tas-sena u l-indikazzjoni tal-isem tal-Istat Membru emittenti. Dan m'għandux jipprevjeni li xi elementi tad-disinn jestendu għaċ-ċirku tal-istilel, sakemm l-istilel kollha jkunu ċari u kompletament viżibbli. It-12-il stilla għandhom jiġu stampati kif jidhru fuq il-bandiera tal-Unjoni.

2. Id-disinji għan-naħa nazzjonali tal-muniti għaċ-ċirkolazzjoni għandhom jintgħażlu b'kont meħud tal-fatt li l-muniti tal-euro jiċċirkolaw fl-Istati Membri kollha li l-munita tagħhom hija l-euro.

Artikolu 1f

1. Il-bidliet fid-disinji użati għan-naħat nazzjonali tal-muniti regolari jistgħu jsiru biss darba kull ħmistax-il sena, minħajr preġudizzju għall-bidliet meħtieġa għall-prevenzjoni tal-falsifikazzjoni tal-munita.

2. Minħajr preġudizzju għall-paragrafu 1, id-disinji użati għan-naħat nazzjonali tal-muniti regolari jistgħu jsiru fejn jinbidel il-Kap ta' Stat indikat fuq munita. Madankollu, kariga temporanjament vakanti jew kariga provviżorja tal-funzjoni ta' Kap ta' Stat ma għandhom jagħtu l-ebda dritt addizzjonali għal tali bidla.

Artikolu 1g

L-Istati Membri emittenti għandhom jaġġornaw in-naħat nazzjonali tagħhom tal-muniti regolari sabiex jikkonformaw bis-sħiħ ma' dan ir-Regolament sal-20 ta' Ġunju 2062.

Artikolu 1h

1. Il-muniti kommemorattivi għandhom juru disinn nazzjonali differenti minn dak li jidher fuq il-muniti regolari u għandhom biss jikkommemoraw avvenimenti ta' rilevanza ewlenija nazzjonali jew Ewropea. Il-muniti kommemorattivi maħruġa b'mod kollettiv mill-Istati Membri kollha li l-munita tagħhom hija l-euro għandhom jikkomemoraw biss avvenimenti tal-ogħla rilevanza Ewropea u d-disinn tagħhom għandu jkun minħajr preġudizzju għar-rekwiżiti kostituzzjonali possibbli ta' dawn l-Istati Membri.

2. L-ittri fit-truf tal-muniti kommemorattivi għandhom ikunu l-istess bħal dawk fuq il-muniti regolari.

3. Il-muniti kommemorattivi jista' jkollhom valur nominali ta' 2 euro biss.

Artikolu 1i

1. L-Istati Membri għandhom jinfurmaw lil xulxin bl-abbozz tad-disinji tan-naħat nazzjonali ġodda tal-muniti għaċ-ċirkolazzjoni, inklużi l-ittri tat-truf, u, għall-muniti kommemorattivi, tal-istima ta' volum ta' ħruġ, qabel l-approvazzjoni formali ta' dawk id-disinji.

2. Is-setgħa ta' approvazzjoni ta' disinji għan-naħat nazzjonali ġodda jew modifikati tal-muniti għaċ-ċirkolazzjoni hija mogħtija lill-Kunsill li jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata f'konformità mal-proċedura stabbilita fil-paragrafi 3 sa 7.

Fit-teħid tad-deċiżjonijiet imsemmija f'dan l-Artikolu, id-drittijiet ta' vot tal-Istati Membri li l-munita tagħhom mhijiex l-euro għandhom ikunu sospiżi.

3. Għall-finijiet tal-paragrafu 1, l-abbozzi tad-disinji tal-muniti għaċ-ċirkolazzjoni għandhom jiġu ppreżentati mill-Istat Membru emittenti lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħrajn li l-munita tagħhom hija l-euro, bħala prinċipju tal-inqas tliet xhur qabel id-data ta' ħruġ ippjanata.

4. Fi żmien sebat ijiem wara l-preżentazzjoni msemmija fil-paragrafu 3, kwalunkwe Stat Membru li l-munita tiegħu hija l-euro jista', f'opinjoni motivata indirizzata lill-Kunsill u lill-Kummissjoni, iqajjem oġġezzjoni għall-abbozz ta' disinn propost mill-Istat Membru emittenti jekk dak id-disinn tal-abbozz x'aktarx li joħloq reazzjonijiet negattivi fost iċ-ċittadini.

5. Fejn il-Kummissjoni tqis li l-abbozz ta' disinn ma jirrispettax ir-rekwiżiti tekniċi stipulati minn dan ir-Regolament, hija għandha, fi żmien sebat ijiem wara l-preżentazzjoni msemmija fil-paragrafu 3, tippreżenta valutazzjoni negattiva lill-Kunsill.

6. Jekk ma tiġi ppreżentata l-ebda opinjoni motivata jew valutazzjoni negattiva lill-Kunsill fl-iskadenza msemmija fil-paragrafi 4 u 5 rispettivament, id-deċiżjoni li tapprova d-disinn titqies li ġiet adottata mill-Kunsill fil-jum wara l-iskadenza tal-perijodu ta' żmien imsemmi fil-paragrafu 5.

7. Fil-każijiet l-oħra kollha, il-Kunsill għandu jiddeċiedi mingħajr dewmien dwar l-approvazzjoni tal-abbozz ta' disinn, sakemm, fi żmien sebat ijiem wara l-preżentazzjoni ta' opinjoni motivata jew ta' valutazzjoni negattiva, l-Istat Membru emittenti ma jirtirax il-preżentazzjoni tiegħu u jinforma lill-Kunsill dwar l-intenzjoni tiegħu li jippreżenta abbozz ġdid tad-disinn.

8. L-informazzjoni rilevanti kollha dwar disinji ġodda tal-muniti nazzjonali għaċ-ċirkolazzjoni għandha tiġi ppubblikata mill-Kummissjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Artikolu 1j

L-Artikoli 1c, 1d u 1e u 1h(2):

(a) ma għandhomx japplikaw għall-muniti għaċ-ċirkolazzjoni li nħarġu jew ġew prodotti qabel id-19 ta' Ġunju 2012.

(b) matul perijodu transizzjonali li jintemm fl-20 ta' Ġunju 2062, ma għandhomx japplikaw għad-disinji li diġà qed jintużaw b'mod legali fuq il-muniti għaċ-ċirkolazzjoni fid-19 ta' Ġunju 2012. Il-muniti għaċ-ċirkolazzjoni li nħarġu jew li ġew prodotti matul il-perijodu transizzjonali jistgħu jibqgħu bħala valuta legali mingħajr limitu ta' żmien."

Artikolu 2

Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Huwa għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri skont it-Trattati.

Magħmul fil-Lussemburgu, it-18 ta' Ġunju 2012.

Għall-Kunsill

Il-President

M. GJERSKOV